MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 597/2011

Vodafone Malta Limited (C-10865).

Vs

Jason Galea (Id. 161574M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u erba u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,674.48) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lilu a bazi ta’ ftehim bejn il-partijiet. U minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi, huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma l-Avviz, u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, sitt mija u erba u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,674.48), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------